MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 219/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 20 ta' Gunju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**JOSEPH COMPAGNO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joseph Compagno detentur tal-karta tal-identita` numru 0405382M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-13 ta’ Marzu 2011 ghall-habta tas-sebgha ta` filghaxija gewwa l-fond ‘Madrid’, Flat 1, Triq il-Mimosa, Pieta` u f’dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ghamel hsara volontarja fuq propjeta` (bieb u siggu) ghad-dannu ta` Gaetana Falzon, ID 0050754 (G) u Ritianne Falzon, ID 11885(M), liema mmont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);

2. Ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Ritianne Falzon li ghandha numru tal-identita` 11885(M) hekk kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D. Reg. No. 2965 tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. Aktar talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni ta` Gaetana Falzon, ID 0050754(G), u Ritianne Falzon, ID 11885(M), il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------